KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fil-31 ta' Mejju 2018[1]

**Kawża C-105/17**

**Komisia za zashtita na potrebitelite**
**vs**
**Evelina Kamenova**
**fil-preżenza ta'**
**Okrazhna prokuratura – Varna**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad – Varna (il-Qorti Amministrattiva ta' Varna, il-Bulgarija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur – Bejgħ online – Kunċett ta' 'kummerċjant'"

## I. Introduzzjoni

1. It-tfittxija ta' oġġetti u ta' servizzi fuq l-internet hija parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum u, minn issa 'l quddiem, bla dubju anki mill-kultura tagħna. In-numru ta' pjattaformi tal-bejgħ online ma waqafx jiżdied u, fl-2016, fl-Unjoni Ewropea, il-perċentwali ta' ċittadini ta' iktar minn 16-il sena u inqas minn 74 sena li ordnaw oġġetti u servizzi mill-internet għall-użu personali tagħhom kien tela' għal 55 %[2]. Il-funzjoni ta' dawn il-pjattaformi hija li jintużaw bħala intermedjarju jew bħala sensar online. Dawn għalhekk iqiegħdu f'kuntatt dirett jew kummerċjant u konsumatur, jew żewġ kummerċjanti, jew żewġ individwi, interessati fix-xiri ta' prodotti ġodda jew użati għal finijiet privati[3].

2. Madankollu, f'diversi sitwazzjonijiet, l-avviżi ppubblikati fuq il-pjattaformi online ma jurux b'mod ċar jekk il-bejjiegħ huwiex kummerċjant jew individwu.

3. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, li ġie indirizzat lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Administrativen sad – Varna (il-Qorti Amministrattiva ta' Varna, il-Bulgarija), jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(b) u (d) tad-Direttiva 2005/29/KE[4].

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Ara "Digital economy and society statistics - households and individuals, Data extracted in February 2017", disponibbli fuq l-indirizz elettroniku sussegwenti: http://ec.europa.eu/eurostat Ara, ukoll, http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=isoc_ec_ibuy&lang=mt.

3 Ir-rwol ta' pjattaforma online huwa limitat li tqiegħed is-sit internet tagħha għad-dispożizzjoni ta' bejjiegħa terzi (kummerċjanti jew individwi) sabiex dawn jipproponu l-prodotti (ġodda jew użati) jew is-servizzi tagħhom.

4 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali") (ĠU 2005, L 149, p. 22, korriġendum fil-ĠU 2006, L 114, p. 86).

4. It-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet fil-kuntest ta’ tilwima bejn Evelina Kamenova u l-Komisia za zashtita na potrebitelite (il-Kummissjoni Bulgara għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi, iktar ’il quddiem il-“KPK”) dwar att adottat minn din tal-aħħar li jikkonstata ksur amministrattiv. Il-ksur imputat lil E. Kamenova jirrigwarda n-nuqqas ta’ osservanza taż-Zakon za zashtita na potrebitelite ZZP (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Konsumaturi, iktar ’il quddiem iz-“ZZP”) talli naqset milli tipprovdi tagħrif lill-konsumaturi mal-avviżi għall-bejgħ ta’ oġġetti ppubblikati fuq pjattaforma online.

5. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk persuna fiżika li ppubblikat simultanjament tmien avviżi għall-bejgħ ta’ diversi prodotti fuq pjattaforma tal-bejgħ online tistax tiġi kklassifikata bħala “kummerċjant” u jekk l-attività tagħha tikkostitwixxix “prattika kummerċjali” fis-sens tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali.

6. Din il-kawża għalhekk tagħti l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kunċett ta’ “kummerċjant” fis-sens ta’ din id-direttiva kif ukoll il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qrati nazzjonali matul l-evalwazzjoni ta’ dan il-kunċett fil-kuntest partikolari tal-bejgħ online.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali*

7. Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, moqri flimkien mal-premessi 14 u 15 tagħha, din id-direttiva għandha l-għan li tikseb livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumaturi billi tipproċedi għal armonizzazzjoni kompleta u sħiħa tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar prattiki kummerċjali żleali.

8. L-Artikolu 2 ta’ din id-direttiva jipprovdi:

“Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva:

[…]

b) ‘kummerċjant’tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, fi prattiċi kummerċjali koperti minn din id-Direttiva, taġixxi għal skopijiet marbuta mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tagħha u kull min jaġixxi f’isem jew fl-interessi ta’ kummerċjant;

[…]

d) ‘prattiċi kummerċjali fin-negozju mal-konsumatur’ […] tfisser kwalunkwe att, ommissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali inlużi reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta’ xi prodott lil konsumaturi;

[…]”

9. Konformement mal-Artikolu 3(1) ta’ din l-istess direttiva, id-Direttiva “tapplika għal prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur, kif stabbilit fl-Artikolu 5, qabel, matul jew wara transazzjoni kummerċjali fir-rigward ta’ xi prodott”.

*2. Id-Direttiva 2011/83/UE*

10. Bħalma jirriżulta mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2011/83/UE[5], l-għan ta’ din id-direttiva huwa “li tikkontribwixxi għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern billi tagħmel approssimazzjoni ta’ ċerti aspetti tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar kuntratti konklużi bejn konsumaturi u kummerċjanti”.

11. L-Artikolu 2 ta’ din id-direttiva jipprovdi:

“Għall-għan ta’ din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(2) ‘kummerċjant’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew kwalunkwe persuna ġuridika, indipendentement mill-fatt li tkun suġġett pubbliku jew privat, li taġixxi, anki permezz ta’ persuna li tkun qed taġixxi f’isimha jew għall-interessi tagħha, għall-iskopijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tagħha fil-kuntatti koperti minn din id-Direttiva;

[…]”.

12. Konformement mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, din “tapplika, skont il-kundizzjonijiet u sal-punt stipulati fid-dispożizzjonijiet tagħha, għal kwalunkwe kuntratt konkluż bejn kummerċjant u konsumatur […]”.

***B. Id-dritt Bulgaru***

13. L-Artikolu 47 taz-ZZP, ippromulgat fid-DV Nru 99, tad-9 ta’ Diċembru 2005, fil-verżjoni tagħha ppubblikata fid-DV Nru 61 tal-2014, fis-seħħ mill-25 ta’ Lulju 2014, u l-Artikolu 50 taz-ZZP jittrasponu rispettivament l-Artikoli 6 u 9 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur li jirrigwardaw, minn naħa, ir-rekwiżiti ta’ informazzjoni relatati mal-kuntratti mill-bogħod u, min-naħa l-oħra, id-dritt ta’ rtirar.

## III. Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

14. Mill-proċess tal-kawża prinċipali jirriżulta li M. K. K. (il-konsumatur f’din il-kawża) xtara, permezz ta’ kuntratt tal-bejgħ mill-bogħod, arloġġ tal-id użat tad-ditta “Longines” mis-sit internet http://olx.bg.

15. Fl-20 ta’ Ottubru 2014, l-arloġġ, imqiegħed għall-bejgħ minn utent taħt il-psewdonimu “eveto-ZZ” ġie kkunsinnat lill-konsumatur minn impriża tal-posta. Id-data relatata mal-kunsinnatur kienet tindika l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon ta’ dan tal-aħħar. Wara li kkonstata li l-arloġġ ma kienx jikkorrispondi għall-karatteristiċi indikati fl-avviż ippubblikat fuq il-pjattaforma tal-bejgħ online, il-konsumatur esprima lill-bejjiegħ, permezz tat-telefon, ir-rieda tiegħu li jxolji l-kuntratt. Dan tal-aħħar madankollu rrifjuta li jieħu l-oġġett lura inkambju ta’ rimbors.

5 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (iktar ’il quddiem id-“Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur”, ĠU 2011, L 304, p. 64).

16. Konsegwentement, il-konsumatur ressaq ilment quddiem il-KPK. Matul il-verifiki magħmula mill-KPK, irriżulta li l-kunsinnatur tal-arloġġ taħt il-psewdonimu "eveto-ZZ" kien E. Kamenova. Skont l-amministratur tas-sit, fl-10 ta' Diċembru 2014, l-utent "eveto-ZZ" kien ippubblika total ta' tmien avviżi għal diversi prodotti bil-għan tal-bejgħ tagħhom [6].

17. Permezz ta' att tas-27 ta' Frar 2015, il-KPK ikkonstatat ksur amministrattiv. Fis-17 ta' Marzu 2015, E. Kamenova kkontestat dan l-att minħabba li hija ma kellhiex il-kwalità ta' kummerċjant u li d-dispożizzjonijiet taz-ZZP għaldaqstant ma kinux applikabbli għaliha. Il-KPK adottat deċiżjoni ta' sanzjoni kontra E. Kamenova abbażi tal-Artikolu 207 taz-ZZP għall-ksur tal-Artikolu 47(1)(2), (3), (5), (7), (8) u (12), kif ukoll tal-Artikolu 50 taz-ZZP. Il-KPK ibbażat ruħha fuq il-fatt li E. Kamenova kienet naqset milli tindika f'kull wieħed mill-avviżi l-isem u l-indirizz tal-kummerċjant, kif ukoll l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu; il-prezz totali, id-dazji u t-taxxi kollha inklużi; il-kundizzjonijiet għall-ħlas, għall-kunsinna u għall-eżekuzzjoni; id-dritt tal-konsumatur li jirtira mill-kuntratt tal-bejgħ mill-bogħod; il-kundizzjonijiet, it-termini u l-modalitajiet tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt; kif ukoll it-tfakkira tal-eżistenza ta' garanzija legali tal-konformità tal-prodotti fil-konfront tal-kuntratt tal-bejgħ.

18. E. Kamenova ppreżentat rikors kontra d-deċiżjoni ta' sanzjoni quddiem il-Varnenski rayonen ïonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Varna, il-Bulgarija). Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Marzu 2016, din il-qorti annullat id-deċiżjoni ta' sanzjoni tal-KPK minħabba li E. Kamenova ma kellhiex il-kwalità ta' "kummerċjant" fis-sens tal-paragrafu 13(2) tad-dispożizzjonijiet supplimentari taz-ZZP u rreferiet għad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, filwaqt li nnotat li l-kunċett ta' "kummerċjant" intiż ma huwiex marbut ma' att uniku u iżolat, iżda mal-eżistenza, f'kuntest kummerċjali, tan-negozju jew professjonali, ta' attività ta' natura sistematika.

19. Il-KPK ippreżentat appell ta' kassazzjoni minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

20. Filwaqt li qieset li s-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tiddependi mill-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, l-Administrativen sad – Varna (il-Qorti Amministrattiva ta' Varna), permezz ta' sentenza tas-16 ta' Frar 2017, li waslet lir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Frar 2017, iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li jmiss:

"L-Artikolu 2(b) u (d) tad-Direttiva [2005/29], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-attività ta' persuna fiżika, li hija rreġistrata fuq sit internet għall-bejgħ ta' prodotti u li ppubblikat simultanjament total ta' tmien avviżi għall-bejgħ ta' prodotti diversi fuq dan is-sit, hija attività ta' kummerċjant fis-sens tad-definizzjoni legali li tinsab fl-Artikolu 2(b) u tikkostitwixxi prattika kummerċjali fin-negozju mal-konsumatur fis-sens tal-Artikolu 2(d), u taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva skont l-Artikolu 3(1) tagħha?"

21. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvern Ġermaniż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

6 Dawn jirrigwardaw il-prodotti li jmiss: tagħmir għall-qari ġdid li jaħdem bi skrin tattili li jixgħel, tliet telefons tal-aħħar teknoloġija, użati jew ġodda, kitt tal-iċċarġjar bla wajers għat-telefon, karozza u madum ta' stil Tork.

## IV. Analiżi

### *A. Osservazzjonijiet preliminari*

#### *1. Fuq il-kontenut tad-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja*

22. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex, essenzjalment, li ssir taf, minn naħa, jekk l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali għandux jiġi interpretat fis-sens li persuna fiżika rreġistrata fuq sit internet għall-bejgħ ta' prodotti tistax tiġi kklassifikata bħala "kummerċjant" meta tippubblika fuq dan is-sit, simultanjament, tmien avviżi għall-bejgħ ta' prodotti diversi u, min-naħa l-oħra, jekk l-attività tagħha tikkostitwixxix "prattika kummerċjali" fis-sens tal-punt (d) ta' dan l-istess artikolu.

23. Il-kwistjoni għalhekk hija jekk, fil-kuntest tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, hemmx lok li tiġi kklassifikata bħala "kummerċjant" persuna fiżika, bħall-konvenuta fil-kawża prinċipali, li ppubblikat tmien avviżi għall-bejgħ ta' diversi prodotti fuq pjattaformi tal-bejgħ online, jew jekk tali persuna hijiex eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva minħabba li hija ma taqax taħt il-kunċett ta' "kummerċjant" fid-dawl tan-natura limitata tal-attività tagħha.

24. Qabel ma tiġi eżaminata din id-domanda, għandu jiġi osservat li l-qorti tar-rinviju titlob biss, fid-domanda preliminari tagħha, l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali[7]. Madankollu, id-deskrizzjoni tal-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali li jinsabu fid-deċiżjoni tar-rinviju tidher li tindika ksur tad-drittijiet li jirriżultaw mid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur. Fil-fatt, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-konvenuta fil-kawża prinċipali ġiet issanzjonata għal ksur tal-Artikolu 47(1)(2), (3), (5), (7), (8) u (12), u tal-Artikolu 50 taz-ZZP. Madankollu, bħalma osservat il-Kummissjoni, dawn id-dispożizzjonijiet jittrasponu rispettivament l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur li jirrigwarda r-rekwiżiti ta' informazzjoni relatati mal-kuntratti mill-bogħod, minn naħa, u l-Artikolu 9 tal-imsemmija direttiva li jirrigwarda d-dritt ta' rtirar, min-naħa l-oħra.

25. Għaldaqstant, il-kwistjoni jekk, fid-dawl tal-attività deskritta fid-deċiżjoni tar-rinviju, persuna fiżika tistax tiġi kklassifikata bħala "kummerċjant" fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, jista' jkollha interess għall-finijiet tal-proċedura fil-kawża prinċipali.

26. Għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, din tal-aħħar għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi l-kawża quddiemha. F'din il-perspettiva, jekk ikun meħtieġ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha. Barra minn hekk, jista' jkun meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment għalihom fil-formulazzjoni tad-domanda tagħha[8].

27. F'dawn il-kundizzjonijiet, id-domanda magħmula għandha tinftiehem bħala li hija intiża sabiex isir magħruf, essenzjalment, minn naħa, jekk l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali u l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur għandhomx jiġu interpretati fis-sens li persuna fiżika rreġistrata fuq sit internet għall-bejgħ ta' prodotti tista' tiġi kklassifikata bħala "kummerċjant" meta tippubblika fuq dan is-sit, simultanjament, tmien avviżi għall-bejgħ ta' prodotti diversi u, min-naħa l-oħra, jekk l-attività ta' din il-persuna tikkostitwixxix "prattika kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali.

7 Għandu jiġi nnotat li l-qorti tar-rinviju ma ppreċiżatx, fid-deċiżjoni tagħha, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva li hija tqis bħala applikabbli.

8 Ara, għal dawk l-iktar reċenti, is-sentenzi tas-7 ta' Settembru 2017, Neto de Sousa (C-506/16, EU:C:2017:642, punt 23), u tas-26 ta' Ottubru 2017, Aqua Pro (C-407/16, EU:C:2017:817, punt 26).

28. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, jidhirli meħtieġ li jiġi ddeterminat b'mod preliminari jekk, fil-każ ineżami, jidhirx utli li tiġi pproposta interpretazzjoni omoġenja tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "kummerċjant", peress li, fil-kuntest tad-direttivi kkonċernati, dan il-kunċett huwa kważi identiku[9]. L-utilità ta' tali approċċ timplika, fil-fehma tiegħi, id-determinazzjoni minn qabel tal-grad ta' armonizzazzjoni miġjub mill-imsemmija direttivi.

*2. Fuq il-grad ta' armonizzazzjoni miġjub mid-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali u mid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur*

29. Fl-ewwel lok, qabel ma tiġi ttrattata l-kwistjoni tal-grad ta' armonizzazzjoni miġjub mid-direttivi kkonċernati, għandu jiġi enfasizzat punt fundamentali: il-kunċett ta' "kummerċjant" huwa ddefinit b'mod kważi identiku[10] fil-kuntest taż-żewġ direttivi u dawn iż-żewġ definizzjonijiet huma strettament marbuta mal-eżerċizzju ta' attività ekonomika.

30. B'kunsiderazzjoni ta' dan, għandu jiżdied, fit-tieni lok, li sabiex tkun tista' tiġi pproposta interpretazzjoni omoġenja tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "kummerċjant" fis-sens tad-direttivi kkonċernati, għandu jiġi vverifikat jekk il-grad ta' armonizzazzjoni miġjub minn dawn iż-żewġ direttivi – u li jidħlu fih ir-regoli rispettivi tagħhom – huwiex analogu. Infakkar, f'dan ir-rigward, li l-evalwazzjoni tal-grad ta' armonizzazzjoni stabbilit minn direttiva għandha tkun ibbażata fuq il-formulazzjoni kif ukoll fuq is-sens u l-għan tagħha[11].

31. Ninnota, qabel kollox, li d-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali tapplika, skont l-Artikolu 3(1) tagħha, "għal prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur, kif stabbilit fl-Artikolu 5, qabel, matul jew wara tranżazzjoni kummerċjali fir-rigward ta' xi prodott"[12], filwaqt li d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur tapplika, konformement mal-Artikolu 3(1) tagħha, "skont il-kundizzjonijiet u sal-punt stipulati fid-dispożizzjonijiet tagħha, għal kwalunkwe kuntratt konkluż bejn kummerċjant u konsumatur".

32. Għalhekk, minkejja d-differenza bejn il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom, dawn id-direttivi huma bbażati fuq l-Artikolu 114 TFUE[13] u, f'dan ir-rigward, isegwu l-istess għanijiet, jiġifieri jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u jiggarantixxu livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fil-kuntest leġiżlattiv, regolatorju u amministrattiv li jkopru[14].

9 Infakkar f'dan ir-rigward li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li ma tagħmel ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġi stabbilit is-sens u l-portata tagħha, normalment għandhom, fl-Unjoni kollha, jingħataw interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tiġi mfittxija billi jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm il-kuntest tad-dispożizzjoni kif ukoll l-għan segwit mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs (C-59/12, EU:C:2013:634, punt 25).

10 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-mandatarji tal-kummerċjant, id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali tirreferi, fl-Artikolu 2(b), għal "kull min jaġixxi f'isem jew fl-interessi ta' kummerċjant", filwaqt li d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur tirreferi, fl-Artikolu 2(2), għal "kwalunkwe persuna [...] li taġixxi, anki permezz ta' persuna li tkun qed taġixxi f'isimha jew għall-interessi tagħha [...]". Għandu jiġi osservat, f'dan ir-rigward, li, fil-kuntest tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, din il-kwistjoni ma tqumx, peress li d-direttiva tapplika għall-kuntratti, bħala prinċipju, diġà konklużi bejn il-kummerċjant u l-konsumatur (kuntratt tal-bejgħ, kuntratt ta' servizz, kuntratt mill-bogħod jew kuntratt konkluż lil hinn mill-post tan-negozju). Minn dan isegwi li lanqas tista' tqum il-problema tal-klassifikazzjoni ta' mandatarju li jaġixxi f'isem jew għall-interessi ta' kummerċjant.

11 Sentenzi tal-25 ta' April 2002, Il-Kummissjoni vs Franza (C-52/00, EU:C:2002:252, punt 16), u tal-14 ta' Lulju 2005, Lagardère Active Broadcast (C-192/04, EU:C:2005:475, punt 46).

12 L-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali jiddefinixxi "prodott" bħala "kwalunkwe merkanzija jew servizz inkluża proprjetà immobbli, drittijiet u obbligi".

13 Id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali hija bbażata fuq l-Artikolu 95 KEE, li sar l-Artikolu 114 TFUE.

14 Il-kontenut tal-Artikoli 1 ta' dawn iż-żewġ direttivi huwa kważi identiku. Minbarra d-differenzi li jikkonċernaw is-suġġetti koperti mill-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom, id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali tipprovdi li l-għan tagħha huwa "li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u *li tikseb* livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur [...]", filwaqt li d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur tipprevedi li l-għan tagħha huwa, "*permezz tal-ksib* ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, li tikkontribwixxi għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern [...]" (korsiv miżjud minni).

33. Nikkonstata, barra minn hekk, li sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-leġiżlatur tal-Unjoni jipproċeda għal armonizzazzjoni kompleta u sħiħa [15] tar-regoli koperti mid-direttivi kkonċernati [16].

34. Fir-rigward tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, mill-premessa 14 tagħha jirriżulta b'mod ċar li hija tipproċedi għal "armonizzazzjoni kompleta" [17]. Din l-armonizzazzjoni hija intiża għar-regoli rigward il-prattiki kummerċjali żleali, inkluż ir-reklamar żleali mill-kummerċjanti fil-konfront tal-konsumaturi, li, fil-livell tal-Unjoni, jippreġudikaw l-interessi ekonomiċi ta' dawn tal-aħħar [18]. B'mod iktar preċiż, tali armonizzazzjoni kompleta jew eżawrjenti tkopri l-qasam kollu kopert minn din id-direttiva [19].

35. Barra minn hekk, mill-premessa 15 tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali jirriżulta li din id-direttiva ġġib "armonizzazzjoni sħiħa" tar-regoli tad-dritt nazzjonali, bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet [20]. Għaldaqstant, bħalma jipprevedi espressament l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, intitolat "Suq intern", l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw miżuri iktar restrittivi minn dawk iddefiniti mid-Direttiva, anki sabiex jiżguraw grad ogħla ta' protezzjoni lill-konsumaturi [21].

15 Għandu jiġi nnotat li l-verżjoni Franċiża tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali tuża żewġ termini differenti meta tirreferi għat-tip ta' armonizzazzjoni li ġġib, jiġifieri "harmonisation complète" u "harmonisation totale" (premessi 14 u 15). Dan huwa l-każ, ukoll, tal-verżjoni Taljana li fiha din id-direttiva tuża t-termini "armonizzazione completa" u "piena armonizzazione". Madankollu verżjonijiet lingwistiċi oħrajn ta' din id-direttiva jużaw terminu wieħed, b'mod partikolari l-verżjonijiet Ġermaniża ("vollständige Angleichung"), Ingliża ("full harmonisation"), Pollakka ("pełna harmonizacja") u Spanjola ("plena armonización"). Ċerti awturi qiesu dawn iż-żewġ tipi ta' armonizzazzjoni (kompleta u sħiħa) bħala sinonimi filwaqt li oħrajn iqisu li dawn għandhom jiġu distinti. L-armonizzazzjoni kompleta tar-regoli nazzjonali tikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-direttivi filwaqt li l-armonizzazzjoni sħiħa jew massima tirreferi għal-livell ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri matul it-traspożizzjoni tad-direttivi fil-leġiżlazzjonijiet interni tagħhom. Ara, b'mod partikolari, favur tali distinzjoni, González Vaqué, L., "La directive 2005/29/CE relative aux pratiques commerciales déloyales: entre l'objectif d'une harmonisation totale et l'approche d'une harmonisation complète", *Revue de droit de l'Union européenne*, 4/2005, p. 785 sa 802; Rochfeld, J., "Les ambiguïtés des directives d'harmonisation totale. La nouvelle répartition des compétences communautaire et interne. À propos de l'arrêt de la CJCE du 4 juin 2009", *Dalloz*, 2009, Nru 30, p. 2047, u Verdure, C., "L'harmonisation des pratiques commerciales déloyales dans le cadre de la directive 2005/29/CE sur les pratiques commerciales déloyales: premier bilan jurisprudentiel", *Cahiers de droit européen*, 3-4, 2010, p. 311-336. *A contrario*, ara Stuyck, J., Terryn, E., Van Dyck, T., "Confidence through fairness? The new directive on unfair business-to-consumer commercial practices in the internal market", *Common Market Law Review*, 2006, Nru 43, p. 107-152, b'mod partikolari p. 115. Jien tal-fehma li din id-distinzjoni ma hijiex rilevanti għall-kawża ineżami.

16 Skont ċerti awturi, kull direttiva ta' armonizzazzjoni kompleta jew eżawrjenti hija neċessarjament ta' armonizzazzjoni sħiħa jew massima iżda kull armonizzazzjoni sħiħa ma hijiex *de facto* ta' armonizzazzjoni kompleta jew eżawrjenti. Ara, b'mod partikolari, id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 257). Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, Moteurs Leroy Somer (C-285/08, EU:C:2009:351, punt 25): "Fil-fatt, għalkemm id-Direttiva 85/374 [...] għandha l-għan li tilħaq, fuq l-aspetti li hija tirregola, *armonizzazzjoni totali [sħiħa]* tal-liġijiet, ir-regoli u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri, madankollu, kif jirriżulta mit-tmintax-il premessa tagħha, hija ma tippruvax tikseb armonizzazzjoni *b'mod eżawrjenti fil-qasam* tar-responsabbiltà għall-prodotti difettużi lil hinn mill-imsemmija aspetti." Ara, ukoll, Rochfeld, J., *op. cit.*, p. 2047, punt 11, u Verdure, C., *op. cit.*, p. 326.

17 Id-duttrina tqis l-approċċ ta' armonizzazzjoni kompleta ta' din id-direttiva bħala suċċess "[...] peress li d-dispożizzjonijiet li jipprevedu ż-żamma tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali mhux armonizzati relatati mal-prattiki kummerċjali huma ta' natura eċċezzjonali u (tranżitorji) u, barra minn hekk, l-applikazzjoni tagħhom hija suġġetta għal kundizzjonijiet stretti" [traduzzjoni libera], ara González Vaqué, L., *op. cit.*, p. 802.

18 Ara l-Artikolu 1 u l-premessi 11, 12 u 23 tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali. Ara, ukoll, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2013, Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs (C-59/12, EU:C:2013:634, punt 34), u tad-9 ta' Novembru 2010, Mediaprint Zeitungs- und Zeitschriftenverlag (C-540/08, EU:C:2010:660, punt 27). Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Abcur (C-544/13 u C-545/13, EU:C:2015:136, punt 59).

19 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawżi magħquda VTB-VAB u Galatea (C-261/07 u C-299/07, EU:C:2008:581, punt 48): "[...] Skont il-ħames premessa tad-Direttiva, dan l-għan għandu jintlaħaq permezz tal-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-prattiki kummerċjali żleali tal-Istati Membri tal-Komunità sabiex jitneħħew l-ostakli fis-suq intern. B'hekk, l-għan tad-Direttiva huwa li jkun hemm armonizzazzjoni sħiħa f'dan is-settur fuq livell Komunitarju". Ara, ukoll, Henning-Bodewig, F., "Die Richtlinie 2005/29/EG über unlautere Geschäftspraktiken", *Gewerblicher Rechtsschutz und Urheberrecht Internationaler Teil*, 2005, Vol. 8/9, p. 629.

20 B'mod partikolari, l-Artikolu 3(5) ta' din id-direttiva jipprovdi li taħt ċerti kundizzjonijiet "[g]ħal perjodu ta' sitt snin minn 00[12].6.2007, l-Istati Membri jistgħu jibqgħu japplikaw id-disposizzjonijiet nazzjonali fil-qasam approssimat minn din id-Direttiva li huma iktar restrittivi jew preskrittivi minn din id-Direttiva u jimplimentaw direttivi li fihom klawżoli ta' armonizzazzjoni minima". L-Artikolu 3(6) jistabbilixxi rekwiżit supplimentari, jiġifieri li "[l]-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe disposizzjonijiet nazzjonali applikati abbażi tal-paragrafu 5".

21 Ara s-sentenza tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB u Galatea (C-261/07 u C-299/07, EU:C:2009:244, punt 52). Ara, ukoll, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, Mediaprint Zeitungs- und Zeitschriftenverlag (C-540/08, EU:C:2010:660). Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawżi magħquda VTB-VAB u Galatea (C-261/07 u C-299/07, EU:C:2008:581, punt 74): "[...] id-Direttiva 2005/29 għandha l-għan li tarmonizza għalkollox id-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri fis-settur tal-prattiki kummerċjali żleali. Id-Direttiva għandha anki l-għan [...] mhux daqstant ta' armonizzazzjoni minima, imma ta' armonizzazzjoni massima tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u dan ma jħallix li l-Istati Membri, ħlief għal ċerti eċċezzjonijiet, iżommu jew idaħħlu dispożizzjonijiet iktar restrittivi. Dak li ngħad iktar 'il fuq irriżulta mill-interpretazzjoni kemm tal-preambolu kif ukoll tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva inkwistjoni."

36. Fir-rigward tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, l-għan li din issegwi huwa armonizzazzjoni tar-regoli nazzjonali fis-suġġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha[22]. B'mod iktar preċiż, mill-qari kkombinat tal-premessi 4, 5 u 7 ta' din id-direttiva jirriżulta li l-għan tagħha huwa armonizzazzjoni "sħiħa" ta' ċerti aspetti tal-kuntratti tal-konsum mill-bogħod u dawk konklużi lil hinn mill-post tan-negozju, jiġifieri l-informazzjoni tal-konsumaturi u d-dritt ta' rtirar f'dawn it-tipi ta' kuntratti[23].

37. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, intitolat "Livell ta' armonizzjoni", "[l]-Istati Membri m' għandhomx jippreservaw jew jintroduċu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet diverġenti minn dawk stipulati f'din id-Direttiva, inklużi dispożizzjonijiet iktar jew inqas stringenti biex jiżguraw livell differenti ta' protezzjoni tal-konsumatur, sakemm din id-Direttiva ma tipprovdix mod ieħor"[24]. Din id-direttiva għalhekk iġġib armonizzazzjoni "sħiħa" jew massima.

38. Fl-aħħar nett, kollox jidher li jindika li l-leġiżlatur tal-Unjoni ġab l-istess grad ta' armonizzazzjoni tar-regoli rispettivi taż-żewġ direttivi eżaminati. Fil-fatt, għall-ħtiġijiet ta' din l-analiżi, tinteressani biss l-armonizzazzjoni sħiħa jew massima peress li assenza possibbli ta' din it-tip ta' armonizzazzjoni tad-direttivi kkonċernati tista' tqajjem problemi fir-rigward tal-interpretazzjoni omoġenja tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "kummerċjant".

39. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, inqis li interpretazzjoni omoġenja tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "kummerċjant" fil-kuntest ta' dawn iż-żewġ direttivi hija utli fid-dawl tad-definizzjonijiet kważi identiċi tal-kunċett ta' "kummerċjant" stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni, tal-fatt li dawn huma strettament marbuta mal-eżerċizzju ta' attività ekonomika, u tal-grad ta' armonizzazzjoni sħiħa intiż mil-leġiżlatur tal-Unjoni fir-regoli nazzjonali koperti mid-direttivi eżaminati.

### *B. Fuq is-sens u l-portata tal-kunċett ta' "kummerċjant" fil-kuntest tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali u tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur*

40. Il-kunċett ta' "prattiċi kummerċjali fin-negozju mal-konsumatur" huwa ddefinit fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali bħala li jfisser "kwalunkwe att, ommissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali inlużi reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta' xi prodott lil konsumaturi". Il-kunċetti ta' "konsumatur" u ta' "kummerċjant" jinsabu għalhekk fil-qalba tad-definizzjoni ta' dan il-kunċett, b'tali mod li l-punt jekk sitwazzjoni taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva jiddependi, b'mod determinanti, mill-interpretazzjoni tagħhom. Fil-fatt, l-eżistenza ta' prattika kummerċjali fis-sens tal-imsemmija direttiva tista' tiġi aċċettata biss jekk din tikkonċerna kummerċjant, minn naħa, u konsumatur, min-naħa l-oħra.

41. L-analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali hija fundamentali peress li huwa biss fl-ipoteżi fejn il-konvenuta fil-kawża prinċipali jkollha l-kwalità ta' "kummerċjant" li jkollha tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk l-attività tagħha tistax tikkostitwixxi attività kummerċjali fis-sens tad-direttiva.

22 Ara l-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur.

23 Skont il-premessi 5 u 7 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, din l-armonizzazzjoni "sħiħa" ser tikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u għal funzjonament aħjar tas-suq intern tan-negozju dirett lejn il-konsumatur u għandha żżid kunsiderevolment iċ-ċertezza legali kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-kummerċjanti.

24 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur.

42. Il-kunċett ta' "kummerċjant" huwa ddefinit fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, bħala li jfisser "kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, fi prattiċi kummerċjali koperti minn din id-Direttiva, taġixxi għal skopijiet marbuta mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tagħha u kull min jaġixxi f'isem jew fl-interessi ta' kummerċjant".

43. Infakkar, f'dan ir-rigward, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li mill-kliem tal-Artikolu 2(b) ta' din id-direttiva jirriżulta li "l-leġiżlatur tal-Unjoni ta sens partikolarment wiesa' lill-kunċett ta' 'kummerċjant', li jirreferi għal 'kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika' ladarba teżerċita attività bi qligħ u ma jeskludix mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu la l-entitajiet li jsegwu missjoni ta' interess ġenerali u lanqas dawk li huma rregolati mid-dritt pubbliku"[25]. Nippreċiża, f'dan ir-rigward, li tali persuna fiżika jew ġuridika taġixxi, fil-fehma tiegħi, għall-finijiet li jidħlu fil-kuntest *ta' att imwettaq fil-limiti tal-attività* kummerċjali, industrijali, tas-sengħa jew tal-professjoni tagħha.

44. Fil-każ ineżami, il-kwalità ta' persuna fiżika tal-konvenuta fil-kawża prinċipali ma teskludix il-klassifikazzjoni ta' "kummerċjant". Madankollu, sabiex jitqies li hija taqa' taħt dan il-kunċett fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, għandu jiġi vverifikat għal darba oħra jekk din il-persuna taġixxix għal skopijiet marbuta ma' tali kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni jew f'isem jew fl-interessi ta' kummerċjant.

45. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, fid-dawl tal-kliem innifsu tad-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(a) u (b) ta' din id-direttiva, is-sens u l-portata tal-kunċett ta' "kummerċjant" kif tirreferi għalih din tal-aħħar għandhom jiġu stabbiliti b'rabta mal-kunċett, korrelattiv iżda inkompatibbli, ta' "konsumatur", li jindika l-individwi li ma humiex involuti f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali[26]. Hija enfasizzat f'dan ir-rigward li l-għan segwit mid-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, li jikkonsisti fil-protezzjoni sħiħa tal-konsumaturi kontra l-prattiki ta' din in-natura, huwa bbażat fuq il-fatt li, fil-konfront ta' kummerċjant, il-konsumatur jinsab f'pożizzjoni ta' inferjorità, inkwantu għandu jitqies bħala ekonomikament iktar dgħajjef u legalment b'inqas esperjenza mill-parti kontraenti tiegħu[27]. Għalhekk, il-kunċett ta' "konsumatur" huwa ta' importanza primordjali u d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva huma maħsuba essenzjalment fid-dawl tal-konsumatur inkwantu destinatarju u vittma ta' prattiki kummerċjali żleali[28].

46. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punti 29 sa 39 ta' dawn il-konklużjonijiet li skonthom, l-ewwel nett, id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur jiddefinixxu l-kunċett ta' "kummerċjant" b'mod kważi identiku, it-tieni nett, dan il-kunċett huwa marbut strettament mal-eżerċizzju ta' attività ekonomika u, it-tielet nett, il-grad ta' armonizzazzjoni miġjub minn dawn id-direttivi huwa analogu, inqis li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għad-definizzjoni tal-kunċett ta' "kummerċjant" fil-kuntest tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali tapplika wkoll għall-finijiet tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "kummerċjant" fil-kuntest tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur.

47. Bħalma jenfasizza l-Avukat Ġenerali Bot fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs[29], tali interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kummerċjant" tikkorrispondi għal dik li l-leġiżlatur tal-Unjoni ta fil-kuntest usa' tad-direttivi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, u b'mod partikolari tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, li fiha l-leġiżlatur tal-Unjoni, fl-Artikolu 2(2), jiddefinixxi l-kummerċjant bħala "kwalunkwe persuna fiżika jew

25 Sentenza Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs (C-59/12, EU:C:2013:634, punt 32). Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs (C-59/12, EU:C:2013:450, punt 39).

26 Sentenza Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs (C-59/12, EU:C:2013:634, punt 33).

27 Sentenza Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs (C-59/12, EU:C:2013:634, punt 35). Fuq l-għan li jiġi żgurat livell għoli komuni ta' protezzjoni tal-konsumaturi bil-proċediment għal armonizzazzjoni kompleta tar-regoli relatati mal-prattiki kummerċjali żleali, ara, ukoll, il-punt 34 ta' din is-sentenza. Ara wkoll il-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

28 Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs (C-59/12, EU:C:2013:634, punt 36).

29 C-59/12, EU:C:2013:450, punt 37: "[i]l-kunċett ta' kummerċjant għandu għalhekk jinftiehem […] bħala li jinkludi persuna fiżika jew persuna ġuridika, li fil-kuntest inkwistjoni u irrispettivament min-natura pubblika jew privata tagħha, taġixxi fil-kuntest ta' attività kummerċjali."

kwalunkwe persuna ġuridika, indipendentement mill-fatt li tkun suġġett pubbliku jew privat, li taġixxi, anki permezz ta' persuna li tkun qed taġixxi f'isimha jew għall-interessi tagħha, għall-iskopijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tagħha". Skont l-Avukat Ġenerali Bot, id-direttivi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur għandhom komuni bejniethom il-fatt li "l-kummerċjant jista' jkun kemm persuna fiżika kif ukoll persuna ġuridika, irregolata mid-dritt pubbliku jew mid-dritt privat, li fir-relazzjoni li huwa stabbilixxa mal-konsumatur, jaġixxi fil-kuntest ta' attività kummerċjali jew professjonali, li tippreżumi li huwa jaġixxi fil-kuntest ta' attività regolari u lukrattiva" [30].

### *C. Fuq il-klassifikazzjoni li għandha tintuża fil-każ ineżami fir-rigward tal-kunċett ta' "kummerċjant"*

48. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, persuna fiżika bħall-konvenuta fil-kawża prinċipali taqa' taħt id-definizzjoni tal-kunċett ta' "kummerċjant" imsemmi fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali u fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur?

49. Ma naħsibx. Il-pubblikazzjoni simultanja fuq pjattaforma online ta' total ta' tmien avviżi intiżi għall-bejgħ ta' diversi prodotti ġodda u użati ma tidhirlix suffiċjenti sabiex tkun tista' tintuża l-klassifikazzjoni ta' "kummerċjant" fis-sens tal-imsemmija direttivi.

50. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-klassifikazzjoni ta' "kummerċjant" teżiġi "[applikazzjoni] każ b'każ" [31]. Għalhekk huwa xieraq, fil-każ ineżami, li l-qorti tar-rinviju twettaq analiżi *in concreto* abbażi tal-punti kollha ta' fatt li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tivverifika jekk persuna, bħall-konvenuta fil-kawża prinċipali, taqax taħt il-kunċett ta' "kummerċjant".

51. Din l-analiżi tipprova, b'mod partikolari, bħalma enfasizzaw ġustament il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni, tivverifika jekk il-bejgħ fuq il-pjattaforma online sarx b'mod organizzat u għal skopijiet lukrattivi [32]; jekk dan il-bejgħ iseħħx fuq ċertu tul taż-żmien u frekwenza [33]; jekk il-bejjiegħ għandux status ġuridiku li jippermettilu jwettaq atti ta' kummerċ, u sa fejn il-bejgħ online huwa marbut mal-attività kummerċjali tal-bejjiegħ [34]; jekk il-bejjiegħ huwiex suġġett għall-VAT [35]; jekk il-bejjiegħ, li jaġixxi f'isem kummerċjant partikolari jew f'ismu jew permezz ta' persuna oħra li taġixxi f'ismu u għall-interessi tiegħu, irċeviex remunerazzjoni jew kumpens [36]; jekk il-bejjiegħ jixtrix oġġetti ġodda jew użati sabiex ibigħhom mill-ġdid, u b'hekk din l-attività ssir ta' natura regolari, frekwenti u/jew

30 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs (C-59/12, EU:C:2013:450, punti 41 u 42).

31 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs (C-59/12, EU:C:2013:450, punt 40).

32 Il-fatt li l-bejgħ isegwi għan lukrattiv huwa element sinjifikattiv iżda, waħdu, ma jistax jippermetti li jiġi konkluż li persuna fiżika hija kummerċjant. Fil-fatt, il-valur ta' ċerti prodotti jista' jiżdied maż-żmien, bħalma huwa l-każ tal-ġojjelli jew tal-opri tal-arti.

33 Fil-prinċipju, il-bejgħ ta' tmien prodotti fis-sena ma huwiex biżżejjed, waħdu, sabiex jippermetti li jitqies li dan huwa bejgħ professjonali, filwaqt li l-bejgħ ta' tmien prodotti fil-ġimgħa għal diversi xhur jista' jikkostitwixxi indizju li jippermetti li jitqies li dan jaqa' taħt il-kunċett ta' "kummerċjant". Fil-fatt, it-tqegħid għal bejgħ frekwenti ta' numru kunsiderevoli ta' prodotti ta' ċertu valur jew tal-istess tip jista' jitqies bħala li jaqa' taħt il-kunċett ta' "kummerċjant". In-numru ta' evalwazzjonijiet magħmula mix-xerrejja, sa fejn il-pjattaforma tal-bejgħ online tipprevedi tali sistema, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tal-frekwenza tal-bejgħ online.

34 Għandu jiġi ddeterminat, b'mod partikolari, jekk il-bejjiegħ huwiex proprjetarju ta' negozju ddedikat għall-bejgħ ta' prodotti jew ta' servizzi li jixxiebhu ma' dawk li huma s-suġġett tal-bejgħ lill-individwi fuq is-sit internet kkonċernat. Dan huwa b'mod partikolari l-każ ta' arloġġar li jbigħ il-prodotti tiegħu kemm minn pjattaforma tal-bejgħ online kif ukoll fl-impriża tiegħu tal-arloġġi.

35 Fi Franza, b'mod partikolari, l-awtorità tat-taxxa ppubblikat direttivi dwar is-sistema ta' impożizzjoni tad-dħul iġġenerat minn pjattaformi tal-bejgħ online li jistabbilixxu ċertu numru ta' kriterji sabiex issir distinzjoni bejn operazzjonijiet iżolati u operazzjonijiet regolari suġġetti għal sistema fiskali differenti. Ara, b'mod partikolari, https://www.economie.gouv.fr/particuliers/vente-biens-declarer-revenus.

36 Ara l-punti 43 u 44 ta' dawn il-konklużjonijiet. F'ċerti każijiet, negozjant jikkumpensa lil "influwenzatur" għal xiri ta' prodotti tan-negozjant magħmul permezz tas-sit internet tal-"influwenzatur". It-terminu "influwenzatur" huwa ddefinit bħala "[p]ersuna li għandha influwenza kbira fuq min jiddeċiedi jew fuq l-opinjoni" [traduzzjoni libera]. Ara *Robert illustré*, Edizzjoni 2018. Għal definizzjoni iktar kompleta, wieħed jista' jiċċita lil Wikipedia bil-Franċiż, sors rilevanti għalkollox fil-qasam tal-Internet: "Influwenzatur huwa kwalunkwe persuna attiva fuq in-netwerks soċjali li, bl-istatus tagħha, bil-pożizzjoni tagħha jew bl-esponiment medjatiku tagħha, tkun kapaċi tinfluwenza d-drawwiet tal-konsum. L-influwenzaturi jintalbu mid-ditti u mill-impriżi sabiex itejbu l-komunikazzjoni tagħhom kif ukoll fil-kuntest ta' azzjonijiet pubbliċitarji. L-influwenzaturi jaħdmu prinċipalment fuq in-netwerks soċjali li jinfluwenzaw lil diversi 'followers' permezz tal-kont tagħhom fuq Instagram jew anki tal-istazzjon tagħhom fuq YouTube. Huma għandhom rwol ta' intermedjarju bejn l-impriżi u l-klijenti potenzjali tagħhom" [traduzzjoni libera].

simultanja fir-rigward tal-attività professjonali tiegħu [37]; jekk l-ammont tal-profitt magħmul mill-bejgħ jikkonfermax li t-tranżazzjoni mwettqa taqa' taħt attività kummerċjali [38], u/jew jekk il-prodotti għall-bejgħ humiex kollha tal-istess tip jew tal-istess valur, b'mod partikolari, jekk l-offerta hijiex ikkonċentrata fuq numru limitat ta' prodotti [39].

52. Għandu jiġi nnotat li dawn il-kriterji la huma eżawrjenti u lanqas esklużivi, b'tali mod li, bħala prinċipju, il-fatt li jiġi ssodisfatt kriterju wieħed jew iktar ma jiddeterminax, waħdu, il-klassifikazzjoni li għandha ssir fil-konfront tal-bejjiegħ online fir-rigward tal-kunċett ta' "kummerċjant". Għalhekk għandha ssir evalwazzjoni ġenerali b'teħid inkunsiderazzjoni tal-kriterji kollha rilevanti sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni li għandha tintuża. Dawn il-kriterji għalhekk jippermettu lill-qrati nazzjonali jiddeterminaw jekk persuna, bħall-konvenuta fil-kawża prinċipali, teżerċitax attività kummerċjali li tqegħedha, minħabba f'hekk, f'sitwazzjoni ta' superjorità fir-rigward tal-konsumatur u, konsegwentement, jekk teżistix sitwazzjoni ta' żbilanċ bejn il-kummerċjant u l-konsumatur.

53. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li għandha tevalwa, abbażi tal-punti ta' fatt li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha u abbażi b'mod partikolari tal-kriterji elenkati fil-punti preċedenti, jekk din il-persuna tistax tiġi kklassifikata bħala "kummerċjant" fis-sens tal-imsemmija direttivi.

54. Jekk il-qorti tar-rinviju tqis li l-persuna kkonċernata hija "kummerċjant" fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, għandu jiġi ddeterminat jekk l-attività li hija teżerċita tikkostitwixxix "prattika kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali.

***D. Fuq il-kunċett ta' "prattiċi kummerċjali fin-negozju mal-konsumatur" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali***

55. Fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-attività ta' persuna fiżika bħall-konvenuta fil-kawża prinċipali tistax tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali, infakkar qabel kollox li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikolu 2(d) ta' din id-direttiva iddefinixxa, billi juża formulazzjoni partikolarment wiesgħa, il-kunċett ta' "prattiki kummerċjali" bħala li jfisser "kwalunkwe att, ommissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali inlużi reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta' xi prodott lil konsumaturi" [40].

56. Għalhekk, sabiex jitqies li l-attività inkwistjoni tikkostitwixxi prattika kummerċjali fis-sens tal-imsemmi artikolu, għandu jiġi vverifikat li din l-attività, minn naħa, tista' tiġi kklassifikata bħala prattika "ta' natura kummerċjali, jiġifieri ġejj[a] minn kummerċjanti", u, min-naħa l-oħra, hija azzjoni jew komunikazzjoni kummerċjali "f'rabta diretta mal-promozzjoni, il-bejgħ jew il-provvista tal-prodotti […] għall-konsumaturi" [41].

37 Dan huwa l-każ b'mod partikolari ta' persuna fiżika li tbigħ prodotti diversi mir-residenza tagħha fuq pjattaforma tal-bejgħ online bi prezz li jippermettilha tagħmel profitt.

38 Ara l-Gwida tal-Kummissjoni Dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali, disponibbli fl-indirizz sussegwenti: https://webgate.ec.europa.eu/ucp/public/index.cfm?event=public.guidance.show.

39 Il-Gvern Ġermaniż iqis b'mod partikolari li l-offerta, fin-negozju, ta' servizzi bi ħlas huwa element ċentrali li jippermetti l-klassifikazzjoni ta' attività kummerċjali mhux biss fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni tagħha li tittrasponi d-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali iżda wkoll, b'mod ġenerali, fil-kuntest tal-Handelsgesetzbuch (il-Kodiċi tal-Kummerċ).

40 Sentenzi tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB u Galatea (C-261/07 u C-299/07, EU:C:2009:244, punt 49); tal-14 ta' Jannar 2010, Plus Warenhandelsgesellschaft (C-304/08, EU:C:2010:12, punt 36); tad-9 ta' Novembru 2010, Mediaprint Zeitungs- und Zeitschriftenverlag (C-540/08, EU:C:2010:660, punt 17), u tad-19 ta' Settembru 2013, CHS Tour Services (C-435/11, EU:C:2013:574, punt 27).

41 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, RLvS (C-391/12, EU:C:2013:669, punt 37).

57. Infakkar, f'dan ir-rigward, li l-kriterju tal-attività kummerċjali li l-eżistenza tagħha għandha tiġi vverifikata jikkorrispondi għall-idea li hija bbażata fuqha s-sistema ta' protezzjoni introdotta mid-direttivi tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, jiġifieri li l-konsumatur jinsab f'pożizzjoni ta' inferjorità fir-rigward tal-kummerċjant f'dak li jikkonċerna kemm is-setgħa ta' nnegozjar kif ukoll il-livell ta' informazzjoni u li jeżisti riskju mhux negliġibbli li, b'mod partikolari, b'nuqqas ta' għarfien, il-konsumatur ma jinvokax ir-regola ta' dritt intiża li tipproteġih [42].

58. Fid-dawl tal-analiżi spjegata fil-punti 40 sa 52 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma hemm xejn li jissuġġerixxi li l-pubblikazzjoni ta' tmien avviżi simultanji għall-bejgħ ta' diversi prodotti tista' titqies bħala attività li taqa' taħt il-kunċett ta' "kummerċjant" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali u, għaldaqstant, li tista' teżisti pożizzjoni ta' inferjorità minħabba tali attività, fil-każ ineżami, bejn il-konvenuta fil-kawża prinċipali u x-xerrej.

59. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi dwar dan il-punt matul l-evalwazzjoni tagħha tal-kwalità ta' "kummerċjant" ta' persuna fiżika bħall-konvenuta fil-kawża prinċipali, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-kriterji kollha spjegati fil-punti 51 u 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

## V. Konklużjonijiet

60. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula mill-Administrativen sad – Varna (il-Qorti Amministrattiva ta' Varna, il-Bulgarija) kif ġej:

L-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) u l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jiġu interpretati fis-sens li persuna fiżika, bħall-konvenuta fil-kawża prinċipali, irreġistrata fuq pjattaforma online għall-bejgħ ta' oġġetti ma tistax tiġi kklassifikata bħala "kummerċjant" meta tippubblika fuq dan is-sit, simultanjament, tmien avviżi għall-bejgħ ta' prodotti diversi.

Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi l-oħrajn kollha tal-każ ineżami, din il-persuna tistax tiġi kklassifikata bħala "kummerċjant" fis-sens tal-imsemmija direttivi u, konsegwentement, jekk l-attività li hija teżerċita tikkostitwixxix "prattika kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2005/29.

42 Ara l-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara, f'dan is-sens, fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288), is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro (C-168/05, EU:C:2006:675, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll, fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE tas-22 ta' Diċembru 1986 għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-kreditu lill-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 326), is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2007, Rampion u Godard (C-429/05, EU:C:2007:575, punt 65), u, fir-rigward tad-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 223), is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Faber, C-497/13, EU:C:2015:357, punt 42).